



Brussell, 2 ta' Frar 2024
(OR. en)

6011/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0126(APP)**

**EJUSTICE 6
JURINFO 1
JAI 162
INF 28
JUR 66**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.	11529/1/22 REV 1, 11750/1/22 REV 1
Nru dok. Cion:	9159/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-għan tal-proposta huwa li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jkun jista' a) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-Ġurnal Uffiċjali jibqa' aċċessibbli, anke f'każ ta' interruzzjoni fis-servizz, u

- b) jneħħi d-data ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali, f'konformità ma' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew atti legali tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li jirrispetta l-prinċipji tal-awtentiċità, l-integrità u l-inalterabbiltà tal-kontenut tagħha.
- 3. Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 352 TFUE li jeħtieġ unanimità fil-Kunsill wara l-kisba tal-kunsens tal-Parlament Ewropew.

II. EŻAMI TAR-REGOLAMENT PROPOST

- 4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika (Leġiżlazzjoni elettronika) eżamina l-proposta matul it-tieni semestru tal-2020.
- 5. Wara r-rimarki mill-Istati Membri, it-test kien riformulat matul l-2021 u l-2022. Intlaħaq qbil ġenerali fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja elettronika fil-15 ta' Frar 2023.
- 6. It-test għadda minn reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill. It-test li rriżulta jinsab fid-dokument 6551/23.
- 7. Il-Kunsill tal-4 ta' April 2023 ikkonferma li kien hemm qbil ġenerali dwar it-test tar-Regolament propost u ddeċieda li jibgħat l-abbozz tat-test tar-Regolament lill-Parlament Ewropew sabiex jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 352.

8. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill.
9. Billi l-proċeduri parlamentari nazzjonali issa tlestew, m'hemmx iżjed riżerva dwar il-proposta.
10. Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

III. KONKLUŻJONI

11. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta r-Regolament propost, kif jinsab fid-dokument 6551/23.
-